



Werrej

#### II Atti mhux leġiżlattivi

#### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1011/2014 tat-22 ta' Settembru 2014 li jstabilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mudelli għall-preżentazzjoni ta' ċerta informazzjoni lill-Kummissjoni u r-regoli dettaljati rigward l-iskambji ta' informazzjoni bejn il-benefiċjarji u l-awtoritajiet ta' ġestjoni, l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni, l-awtoritajiet ta' verifika u l-korpi intermedji ..... 1**



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1011/2014

tat-22 ta' Settembru 2014

**li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mudelli għall-preżentazzjoni ta' ċerta informazzjoni lill-Kummissjoni u r-regoli dettaljati rigward l-iskambji ta' informazzjoni bejn il-benefiċjarji u l-awtoritajiet ta' ġestjoni, l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni, l-awtoritajiet ta' verifika u l-korpi intermedji**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 41(4) 102(1), 112(5), 122(3), 124(7), 131(6) u 137(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 184/2014 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meh-tieġa għat-thejjja tal-programmi. Biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' programmi ffinanzjati mill-Fondi Ewro-pej Strutturali u ta' Investiment (il-"Fondi ESI"), jeħtieġ li jiġu stabbiliti aktar dispożizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. Biex tiġi ffaċilitata perspettiva komprensiva u aċċess għal dawk id-dispożiz-zjonijiet, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti f'att ta' implimentazzjoni wieħed.
- (2) Biex tiġi żgurata l-konsistenza u l-kwalità tal-informazzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni mill-awtorità ta' ġestjoni, inklużi dikjarazzjonijiet ċari dwar il-fattibilità tal-investment u l-vijabbiltà ekonomika tal-proġett ewlieni, għandu jiġi stabbilit format standard li jstabbilixxi rekwiżiti uniformi għall-istruttura u l-kontenut tal-informazzjoni li jin-notifikaw proġetti ewlenin magħżula lill-Kummissjoni.
- (3) Bil-ħsieb li tiġi żgurata effiċjenza u trasparenza ikbar fl-implimentazzjoni ta' programmi ffinanzjati mill-Fondi ESI, il-mudell għal trażmissjoni ta' dejta finanzjarja, il-mudell għall-applikazzjonijiet ta' pagamenti u, skont l-Arti-kolu 41(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, il-mudell li għandu jintuża meta tiġi ppreżentata informazzjoni addizzjonali rigward l-istrumenti finanzjarji bl-applikazzjoni għal pagamenti lill-Kummissjoni, kif ukoll għandu jiġi stabbilit il-mudell għall-kontijiet għal programmi operattivi.

<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 320.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 184/2014 tal-25 ta' Frar 2014 li jstabbilixxi, skont ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġ-jonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd, it-termini u l-kundizzjonijiet li japplikaw għas-sistema ta' skambju elettroniku ta' dejta bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u li jadotta skont ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dis-pożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea, in-nomenklatura tal-kategoriji ta' intervent għal appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali skont l-oġettiv tal-kooperazzjoni ter-ritorjali Ewropea (ĠUL 57, 27.2.2014, p. 7).

- (4) Għall-istess skop, għandhom jiġu stabbiliti l-mudell għad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet u l-proċeduri fis-seħħ fl-awtorità ta' ġestjoni u, fejn xieraq, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni, u l-mudell għar-rapport u l-opinjoni tal-korp indipendenti ta' awditjar. Huma għandhom jistabbilixxu l-karatteristiċi tekniċi ta' kull qasam fis-sistema ta' skambju elettroniku ta' dejta. Billi dawn il-mudelli se jiffurmaw il-bażi għall-iżvilupp ta' sistema ta' skambju elettroniku ta' dejta msemmija fl-Artikolu 74(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, dawn għandhom jistabbilixxu wkoll il-mod li bih id-dejta fuq in-nefqa eliġibbli se tiddaħħal fis-sistema għall-iskambju elettroniku ta' informazzjoni.
- (5) Għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-karatteristiċi tas-sistemi li jappoġġjaw l-iskambju elettroniku ta' informazzjoni bejn il-benefiċjarji u l-awtorità ta' ġestjoni, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni, l-awtorità ta' awditjar u l-korpi intermedji sabiex l-Istati Membri jingħataw ċertezza legali dwar l-obbligi li għandhom jiġu sodisfatti fuq l-iskadenza regolatorja stipulata fl-Artikolu 122(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.
- (6) Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji bl-aktar mod effettiv, effiċjenti u sodisfaċenti għalihom, fil-waqt li jiġi żgurat l-iskambju elettroniku ta' informazzjoni b'mod effiċjenti, effettiv u sigur, ċerti rekwiżiti bażiċi u karatteristiċi tekniċi għandhom jiġu speċifikati għas-sistemi msemmija fl-Artikolu 122(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.
- (7) Il-prinċipji u r-regoli applikabbli għandhom jiġu stabbiliti fir-rigward tat-trażmissjoni ta' dokumenti u dejta permezz tas-sistemi rigward l-identifikazzjoni tal-parti responsabbli biex jittellgħu d-dokumenti u kwalunkwe aġġornament tagħhom inkluża soluzzjoni alternattiva fil-każ li *force majeure* xxekkel l-użu tas-sistemi.
- (8) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali. B'hekk dan ir-Regolament għandu jiġi applikat skont dawn id-drittijiet u prinċipji. Dwar id-dejta personali pproċessata mill-Istati Membri, tapplika d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>. Rigward l-ipproċessar ta' dejta personali mill-Istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni u l-moviment liberu ta' tali dejta, japplika r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>.
- (9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Koordinament għall-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

### IL-MUDELLI U L-FORMAT LI GĦANDU JINTUŻA GĦAT-TRESSIQ TA' ĊERTA INFORMAZZJONI LILL-KUMMISSJONI

#### Artikolu 1

#### **Il-format għan-notifika ta' proġett ewlieni magħżul**

In-notifika ta' proġett ewlieni magħżul mill-awtorità ta' ġestjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 102(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 titfassal f'konformità mal-format stipulat fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

#### **Mudell għat-trażmissjoni ta' dejta finanzjarja**

Meta jippreżentaw id-dejta finanzjarja lill-Kummissjoni għal raġunijiet ta' monitoraġġ skont l-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-Istati Membri jużaw il-mudell imfassal fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Volum 26, p. 102).

*Artikolu 3***Il-mudell għad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet u l-proċeduri fis-seħħ għall-awtorità ta' ġestjoni u l-awtorità ta' ċertifikazzjoni**

1. Id-deskrizzjoni tal-funzjonijiet u l-proċeduri fis-seħħ għall-awtorità ta' ġestjoni u, fejn xieraq, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni titfassal skont il-mudell stipulat fl-Anness III għal dan ir-Regolament.
2. Meta sistema komuni tapplika għal bosta programmi operattivi, tista' titfassal deskrizzjoni waħda tal-funzjonijiet u l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 4***Il-mudell għar-rapport tal-korp indipendenti ta' awditjar**

1. Ir-rapport tal-awditjar tal-korp tal-awditjar indipendenti li hemm referenza għalih fl-Artikolu 124(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jiffassal skont il-mudell ippreżentat fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.
2. Meta sistema komuni tapplika għal bosta programmi operattivi, jista' jiffassal rapport ta' awditjar singolu kif imsemmi fil-paragrafu 1.

*Artikolu 5***Il-mudell għall-opinjoni tal-korp indipendenti ta' awditjar**

1. L-opinjoni tal-korp ta' awditjar indipendenti msemmi fl-Artikolu 124(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jiġi ppreżentat skont il-mudell imfassal fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.
2. Meta sistema komuni tapplika għal bosta programmi operattivi, tista' titfassal opinjoni singola msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 6***Il-mudell għall-applikazzjoni tal-pagamenti inkluża informazzjoni addizzjonali rigward l-istrumenti finanzjarji**

L-applikazzjoni tal-pagamenti msemmija fl-Artikoli 41(4) u 131(6) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 titfassal skont il-mudell stabbilit fl-Anness VI għal dan ir-Regolament u tinkludi, fejn applikabbli, informazzjoni addizzjonali li tikkonċerna strumenti finanzjarji.

*Artikolu 7***Il-mudell għall-kontijiet**

Il-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 137(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni skont il-mudell imfassal fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

## KAPITOLU II

**IR-REGOLI DETTALJATI RIGWARD L-ISKAMBJI TA' INFORMAZZJONI BEJN IL-BENEFIĊJARJI U L-AWTORITAJIET TA' ĠESTJONI, L-AWTORITAJIET TA' ĊERTIFIKAZZJONI, L-AWTORITAJIET TA' VERIFIKA U L-KORPI INTERMEDJI***Artikolu 8***Id-definizzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni ta' sistemi elettroniċi ta' skambju ta' dejta**

1. "Sistemi tal-iskambju tad-dejta elettronika", kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 122(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tfisser il-mekkaniżmi u l-istrumenti li jippermettu l-iskambju elettroniku tad-dokumenti u dejta, inkluża appoġġi għall-midja awdjoviżiva, dokumenti skanjati u fajls elettroniċi.

L-iskambju ta' dokumenti u dejta jinkludi l-irrapportar dwar il-progress, it-talbiet għall-pagamenti u l-iskambju ta' informazzjoni relatata ma' verifika ta' ġestjoni u awditjar.

2. Is-sistemi ta' skambju ta' dejta elettronika jippermettu verifiki amministrattivi fir-rigward ta' kull applikazzjoni għal rimborż mill-benefiċjarji skont l-Artikolu 125(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u verifiki biex toqgħod fuq taġħrif u dokumenti disponibbli permezz ta' sistemi tal-iskambju tad-dejta elettronika, meta tali informazzjoni u dokumenti jiġu skambjati f'forma elettronika f'konformità mal-Artikolu 122(3) ta' dan ir-Regolament. Id-dokumenti tal-karta jistgħu jkunu mitluba biss minn dawn l-awtoritajiet responsabbli f'każijiet eċċezzjonali, wara analiżi tar-riskju, u biss jekk dokumenti tal-karta huma l-vera sors ta' dokumenti skanjati mtella' f'sistemi tal-iskambju tad-dejta elettronika.

#### Artikolu 9

##### **Il-karatteristiċi tas-sistema ta' skambju elettroniku ta' dejta**

1. Is-sistemi ta' skambju elettroniku ta' dejta jiżguraw is-sigurtà tad-dejta, l-integrità tad-dejta, il-kunfidenzjalità tad-dejta, l-awtentikazzjoni ta' min qed jibgħat skont l-Artikoli 122(3), 125(4)(d), 125(8) u 140 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

Is-sistemi ta' skambju elettroniku ta' dejta jkunu disponibbli u jkunu operattivi waqt u barra l-ħinjiet tal-uffiċċju standard, ħlief għal attivitajiet ta' manutenzjoni teknika.

2. Jekk Stat Membru, b'inizjattiva tiegħu stess, jimponi l-użu obligatorju ta' sistemi ta' skambju elettroniku ta' dejta fuq il-benefiċjarji, hu jiżgura li l-karatteristiċi tekniċi ta' dawn is-sistemi ma jfixklux l-implimentazzjoni mingħajr xkiel tal-Fondi u lanqas jirrestrinġu l-aċċess għal xi benefiċjarji.

Dan ir-rekwiżit ma japplikax għal sistemi ta' skambju elettroniku ta' dejta għal benefiċjarji li kienu magħmula obligatorji minn Stat Membru matul il-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti u jikkonformaw ma' rekwiżiti oħra stabbiliti f'dan ir-Regolament.

3. Is-sistemi ta' skambju elettroniku ta' dejta jkunu mgħammra b'tal-inqas bil-funzjonalitajiet li ġejjin:

- (a) formoli interattivi u/jew formoli mimlija minn qabel mis-sistema fuq il-bażi tad-dejta li hija maħżuna f'passi konsekuttivi tal-proċeduri;
- (b) kalkoli awtomatiċi, fejn applikabbli;
- (c) kontrolli integrati awtomatiċi li jnaqqsu skambji ripetuti ta' dokumenti jew informazzjoni kemm jista' jkun;
- (d) twissijiet iġġenerati mis-sistema stess biex jinformat lill-benefiċjarju li ċerti azzjonijiet jistgħu jitwettqu;
- (e) *status* ta' rintraċċar onlajn li jippermetti lill-benefiċjarju jimmonitorja l-*istatus* attwali tal-proġett;
- (f) disponibbiltà fl-istorja kollha tal-fajls relatati mal-proġett.

#### Artikolu 10

##### **It-trażmissjoni ta' dokumenti u dejta permezz ta' sistema ta' skambju elettroniku ta' dejta**

1. Il-benefiċjarji u l-awtoritajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 122(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, iżidu d-dokumenti u d-dejta li għaliha huma responsabbli, u kull aġġornament għalihom, għas-sistema ta' skambju elettroniku ta' dejta f'format elettroniku kif definit mill-Istat Membru.

L-Istat Membru jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet dettaljati ta' skambju elettroniku ta' dejta f'dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn għal kull operazzjoni msemmija fl-Artikolu 125(3)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

2. L-iskambji tad-dejta u t-tranżazzjonijiet ikollhom fuqhom firma elettronika obligatorja skont it-tifsira tad-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>.

3. Id-data tat-trażmissjoni ta' dokumenti u dejta mill-benefiċjarju lill-awtoritajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 122(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u viċi versa titqies bħala d-data ta' sottomissjoni elettronika tal-informazzjoni li tkun maħżuna f'sistema ta' skambju elettroniku ta' dejta.

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar kwadru tal-Komunità għall-firem elettroniċi, (ĠUL 13, 19.1.2000, p. 12).

4. Is-sottomissjoni ta' dokumenti u dejta permezz ta' sistema ta' skambju elettroniku ta' dejta ssir darba biss kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 122(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tal-istess operazzjoni għall-awtoritajiet kollha li jimplementaw l-istess programm.

Dawn l-awtoritajiet jikkooperaw fil-livelli legali, organizzattivi, semantiċi u tekniċi biex jiżguraw komunikazzjoni effettiva, kif ukoll l-iskambju u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni u l-għarfien.

Dan huwa mingħajr preġudizzju ta' proċessi li jippermettu lill-benefiċjarju jaġġorna d-dejta żbaljata jew skaduta jew dokumenti li ma jinqrawx.

5. Is-sistema ta' skambju elettroniku ta' dejta tkun aċċessibbli jew direttament permezz ta' interfaċċa interattiva għall-utent (applikazzjoni fuq l-Internet) jew permezz ta' interfaċċa teknika li tippermetti s-sinkronizzazzjoni awtomatika u t-trażmissjoni ta' dejta bejn il-benefiċjarji u s-sistemi tal-Istati Membri.

6. Meta informazzjoni tiġi pproċessata, is-sistema ta' skambju elettroniku ta' dejta tiggarrantixxi l-protezzjoni tal-privatezza tad-dejta personali għal individwi u l-kunfidenzjalità kummerċjali għal entitajiet ġuridiċi skont id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>, id-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> u d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>.

7. F'każijiet ta' *force majeure*, u b'mod partikolari ta' funzjonament ħażin tas-sistema tal-iskambju elettroniku tad-dejta jew nuqqas ta' konnessjoni ta' dejta dejjiema, il-benefiċjarju kkonċernat jista' jissottometti l-informazzjoni meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti fil-forom u bl-użu ta' mezzi stabbiliti mill-Istat Membru għal każijiet bħal dawn. Hekk kif tiegħi il-kawża ta' *force majeure*, l-Istat Membru jiżgura li d-dokumenti rilevanti jiġu integrati f'bażi tad-dejta relatata mas-sistemi ta' skambju elettroniku ta' dejta.

Permezz ta' deroga mill-paragrafu 3, id-data meqjusa biex tissottometti l-informazzjoni mitluba titqies li hija d-data ta' meta jintbagħtu d-dokumenti fil-forom meħtieġa.

8. L-Istati Membri jiżguraw li l-benefiċjarji kollha jistgħu jużaw is-sistemi ta' skambju elettroniku ta' dejta msemmija fl-Artikolu 122(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, inklużi l-benefiċjarji ta' operazzjonijiet attwali fid-data li fiha s-sistemi tal-iskambju tad-dejta elettronika saru operattivi u li għalihom japplika l-iskambju elettroniku tad-dejta.

#### Artikolu 11

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (ĠUL 201, 31.7.2002, p. 37).

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li temenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, id-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (ĠUL 337, 18.12.2009, p. 11)

<sup>(3)</sup> Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ĠUL 281, 23.11.1995, p. 31).

## ANNEX I

**Format għan-notifika ta' proġett maġġuri magħżul**

**NOTIFIKA LILL-KUMMISSJONI DWAR IL-PROĠETT MAĠĠURI MAGĦŻUL B'KONFORMITÀ MAL-EWWEL  
SUBPARAGRAFU TAL-ARTIKOLU 102(1) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1303/2013  
FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI/FOND TA' KOEŻJONI**

**INFRASTRUTTURA/INVESTIMENT PRODUTTIV**

**Titlu tal-proġett [“ ..... ”]**

**CCI [ ..... ]**



## PARTI A:

**Tagħrif meħtieġ mill-Artikolu 102(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013**

## A. KORP RESPONSABBLI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROĠETT MAĠĠURI

## A.1. Awtorità responsabbli għan-notifika tal-proġett (awtorità ta' ġestjoni jew korp intermedju)

A.1.1	Isem:	<tip='S' tul massimu='200' input='M'> <sup>(1)</sup>
A.1.2	Indirizz:	<tip='S' tul massimu='400' input='M'>
A.1.3	L-isem tal-persuna ta' kuntatt	<tip='S' tul massimu='200' input='M'>
A.1.4	Kariga tal-persuna ta' kuntatt	<tip='S' tul massimu='200' input='M'>
A.1.5	Telefown:	<tip='N' input='M'>
A.1.6	Posta Elettronika:	<tip='S' tul massimu='100' input='M'>

A.2. Korp responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proġett (benefiċjarju <sup>(2)</sup>)

A.2.1	Isem:	<tip='S' tul massimu='200' input='M'>
A.2.2	Indirizz:	<tip='S' tul massimu='400' input='M'>
A.2.3	L-isem tal-persuna ta' kuntatt	<tip='S' tul massimu='200' input='M'>
A.2.4	Kariga tal-persuna ta' kuntatt	<tip='S' tul massimu='200' input='M'>
A.2.5	Telefown:	<tip='N' input='M'>
A.2.6	Posta Elettronika:	<tip='S' tul massimu='100' input='M'>

A.3. Dan il-proġett huwa fażi ta' proġett maġġuri <sup>(3)</sup>? <tip='C' input='M'>

Iva

Le

Jekk iva, agħti deskrizzjoni tal-għanijiet fiżiċi u finanzjarji tal-proġett kollu kemm hu.

<tip='S' tul massimu='3500' input='M'>

<sup>(1)</sup> Didaskalija għall-karatteristiċi tas-sezzjonijiet:

tip: N = Numru, D = Data, S = String, C = Kaxxa ta' Verifika, P = Perċentwal

input: M = Manwali, S = Għażla, G = Iġġenerat mis-sistema

tul massimu = Numru massimu ta' karattri li jinkludi l-ispażji

<sup>(2)</sup> F'każ ta' operazzjoni ta' Sħubija Pubblika-Privata fejn sieħeb privat jintgħażel wara l-approvazzjoni tal-operazzjoni u jiġi propost sabieħ ikun il-benefiċjarju skont l-Artikolu 63(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, din it-taqsimha għandha tinkludi informazzjoni dwar il-korp tal-liggi pubblika li jagħti bidu għall-operazzjoni (jiġifieri l-awtorità li takkwista).

<sup>(3)</sup> Proġett kbir mibdi matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 li minnu diġà tlestiet fażi waħda jew iktar matul dak il-perjodu ta' programmazzjoni u dan il-proġett jirrappreżenta fażi li se titwettag u titlesta matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, jew proġett maġġuri mibdi matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 li minnu din il-fażi tirrappreżenta fażi li se titlesta waqt li l-fażi li jmiss se titlesta f'dan il-perjodu ta' programmazzjoni jew f'dak sussegwenti.

A.4. **Il-Kummissjoni diġà approvat xi parti minn dan il-proġett maġġuri? <tip='C' input='M'>**

Iva  Le

Jekk iva, ipprovdi s-CCI tal-proġett maġġuri approvat.

<tip='S' input='M'>

Jekk dan il-proġett huwa parti minn proġett kbir li l-ewwel fażi tiegħu tlestiet fl-2007-2013, agħti deskrizzjoni dettaljata tal-għanijiet fiżiċi u finanzjarji tal-fażi preċedenti, inkluża deskrizzjoni tal-implimentazzjoni tal-ewwel fażi u kkonferma li din hija lesta jew se tkun lesta sabiex tintuża għall-iskop tagħha.

<tip='S' tul massimu='3500' input='M'>

A.5. **Tlesta r-rieżami tal-kwalità mill-esperti indipendenti u r-rapport tagħhom huwa meħmuż fil-Parti B? <tip='C' input='M'>**

Iva  Le (\*)

(\*) Proġetti li jaqgħu taħt l-Artikolu 103 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 ma jirrikjedux is-sottomissjoni tar-rapport dwar ir-rieżami tal-kwalità indipendenti.

B. **DESKRIZZJONI TAL-INVESTIMENT, FEJN JINSAB, L-ISKEDA TA' ŻMIEN TIEGĦU U L-KONTRIBUT MISTENNI TAL-PROĠETT KBIR B'RISQ L-OBJETTIVI SPEĊIFIĊI TAL-ASS PRIJORITARJU JEW PRIJORITARJI RILEVANTI**

B.1. **Il-kategorizzazzjoni tal-attività tal-proġett <sup>(1)</sup>**

	Kodiċi	Ammont	Perċentwali
B.2.1. Kodiċi(jiet) għad-dimensjoni(jiet) tal-qasam tal-intervent (Għandu jintuża iktar minn wieħed fejn, abbażi ta' kalkolu <i>pro rata</i> , diversi oqsma tal-intervent huma rilevanti)	<tip='N' input='S'>	<tip='N' input='M'>	<tip='P' input='G'>
	<tip='N' input='S'>	<tip='N' input='M'>	<tip='P' input='G'>
	<tip='N' input='S'>	<tip='N' input='M'>	<tip='P' input='G'>
	<tip='N' input='S'>	<tip='N' input='M'>	<tip='P' input='G'>
	<tip='N' input='S'>	<tip='N' input='M'>	<tip='P' input='G'>
B.2.2. Kodiċi għall-forma tad-dimensjoni tal-finanzi (F'ċerti każijiet tista' tkun rilevanti aktar minn waħda — għandhom jiġu pprovduti ishma <i>pro rata</i> )	<tip='N' input='S'>	<tip='N' input='M'>	<tip='P' input='G'>
	<tip='N' input='S'>	<tip='N' input='M'>	<tip='P' input='G'>

<sup>(1)</sup> L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 215/2014 tas-7 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd fir-rigward ta' metodoloġiji tal-appoġġ għat-tibdil fil-klima, id-determinazzjoni tal-istadji importanti u l-miri fil-qafas tal-prestazzjoni u n-nomenklatura ta' kategoriji ta' intervent għall-Fondi ta' Investiment Strutturali Ewropej, sakemm mhux speċifikat mod ieħor.

	Kodiċi	Ammont	Perċentwali
B.2.3. Kodiċi għad-dimensjoni territorjali (F'ċerti każijiet tista' tkun rilevanti aktar minn waħda — għandhom jiġu pprovduti ishma <i>pro rata</i> )	<tip='N' input='S'>	<tip='N' input='M'>	<tip='P' input='G'>
	<tip='N' input='S'>	<tip='N' input='M'>	<tip='P' input='G'>
B.2.4. Kodiċi għall-mekkaniżmi ta' kun-sinna territorjali	<tip='N' input='S'>	<tip='N' input='M'>	<tip='P' input='G'>
B.2.5. Kodiċi għad-dimensjoni tal-objettiv tematiku (F'ċerti każijiet tista' tkun rilevanti aktar minn waħda — għandhom jiġu pprovduti ishma <i>pro rata</i> )	<tip='N' input='S'>	<tip='N' input='M'>	<tip='P' input='G'>
	<tip='N' input='S'>	<tip='N' input='M'>	<tip='P' input='G'>
B.2.6. Kodiċi għad-dimensjoni ekonomika (Kodiċi NACE <sup>(1)</sup> ) (F'ċerti każijiet tista' tkun rilevanti aktar minn waħda — għandhom jiġu pprovduti ishma <i>pro rata</i> )	<tip='N' input='S'>	<tip='N' input='M'>	<tip='P' input='G'>
	<tip='N' input='S'>	<tip='N' input='M'>	<tip='P' input='G'>
B.2.7. Kodiċi għad-dimensjoni(jiet) tal-post (NUTS III) <sup>(2)</sup> (F'ċerti każijiet tista' tkun rilevanti aktar minn waħda — għandhom jiġu pprovduti ishma <i>pro rata</i> )	<tip='N' input='S'>	<tip='N' input='M'>	<tip='P' input='G'>
	<tip='N' input='S'>	<tip='N' input='M'>	<tip='P' input='G'>
B.2.8. In-natura tal-investment <sup>(3)</sup> (għandha timtela għal investimenti produttivi biss)	<tip='N' input='S'>	<tip='N' input='M'>	<tip='P' input='G'>
B.2.9. Il-prodott ikkonċernat <sup>(4)</sup> (għandha timtela għal investimenti produttivi biss)	<tip='N' input='S'>	<tip='N' input='M'>	<tip='P' input='G'>

(1) NACE-Rev.2, kodiċi b'erba' numri: Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1893/2006 (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1)

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1) kif emendat. Uża l-iktar kodiċi NUTS III dettaljat u rilevanti. Fejn proġett jaffettwa iktar minn qasam individwali wieħed tal-livell NUTS III, ikkunsidra li tikkodifika n-NUTS III jew kodiċijiet ogħla.

(3) Kostruzzjoni ġdida = 1; estensjoni = 2; konverżjoni/modernizzazzjoni = 3; bidla fil-lokalità = 4; ħolqien permezz ta' teħid ta' kontroll = 5.

(4) In-Nomenklatura Magħquda (NM), ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

## B.2. Il-programm operattiv jew il-programmi operattivi u l-ass prijoritarju jew l-assi prijoritarji)

### B.2.1 Identifikazzjoni tal-programm operattiv jew programmi operattivi u tal-ass prijoritarju jew assi prijoritarji:

CCI tal-PO	Assi ta' prijorità tal-PO	Fond ta' kofinanzjament
PO1<tip='S' input='S'>	Assi prijoritarju ta' PO 1<tip='S' input='S'>	<b>FEŻR/FK</b> <tip='S' input='S'>
PO1<tip='S' input='S'>	Assi prijoritarju ta' PO1<tip='S' input='S'>	<b>FEŻR/FK</b> <tip='S' input='S'>
PO2<tip='S' input='S'>	Assi prijoritarju ta' PO 2<tip='S' input='S'>	<b>FEŻR/FK</b> <tip='S' input='S'>
PO2<tip='S' input='S'>	Assi prijoritarju ta' PO2<tip='S' input='S'>	<b>FEŻR/FK</b> <tip='S' input='S'>

### B.3. Deskrizzjoni tal-proġett

- (a) Agħti deskrizzjoni qasira tal-proġett, l-oġġettivi ewlenin tiegħu u l-komponenti ewlenin tal-proġett.

Fil-każ ta' *investimenti produttivi* trid tingħata wkoll deskrizzjoni teknika qasira.

<tip='S' tul massimu='7000' input='M'>

- (b) Ipprovi mappa li tidentifika ż-żona tal-proġett u d-dejta ġeoreferenzjata <sup>(1)</sup>.

- (c) Niżżel hawn taħt l-iskeda ta' żmien għall-iżvilupp tal-proġett kbir u l-implimentazzjoni tiegħu.

	Data tal-bidu (A)	Data tat-tlestija (B)
1. Studji ta' fattibbiltà ( <i>jew pjan tan-negozju jekk inhu investiment produttiv</i> ):	<tip='D' input='M'> <sup>(1)</sup>	<tip='D' input='M'>
2. L-analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji:	<tip='D' input='M'>	<tip='D' input='M'>
3. L-istima tal-impatt ambjentali:	<tip='D' input='M'>	<tip='D' input='M'>
4. L-istudji ta' disinn:	<tip='D' input='M'>	<tip='D' input='M'>
5. It-tħejjija tad-dokumentazzjoni(jiet) tas-sejħa għall-offerti:	<tip='D' input='M'>	<tip='D' input='M'>
6. Il-proċedura(i) tas-sejħa għall-offerti:	<tip='D' input='M'>	<tip='D' input='M'>
7. L-akkwist tal-art:	<tip='D' input='M'>	<tip='D' input='M'>
8. Il-kunsens għall-iżvilupp:	<tip='D' input='M'>	<tip='D' input='M'>
9. Il-fażi/kuntratt tal-bini:	<tip='D' input='M'>	<tip='D' input='M'>
10. Il-fażi operattiva:	<tip='D' input='M'>	<tip='D' input='M'>

<sup>(1)</sup> Didaskalija għall-karatteristiċi tas-sezzjonijiet:

tip: N = Numru, D = Data, S = String, C = Kaxxa ta' Verifika, P = Perċentwal

input: M = Manwali, S = Għażla, G = Iġġenerat mis-sistema

tul massimu = Numru massimu ta' karattri li jinkludi l-ispażji

- (d) Agħti dettalji dwar il-kontribut mistenni tal-proġett maġġuri għall-kisba tal-indikaturi tar-riżultati skont l-oġġettivi speċifiċi tal-ass prijoritarju jew l-assi prijoritarji rilevanti tal-programm(i) operattiv(i).

<tip='S' tul massimu='7000' input='M'>

### C. L-ISPIŻA TOTALI U N-NEFQA TOTALI ELIĠIBBLI

#### C.1. Imla t-tabella ta' hawn taħt fuq il-bażi tal-format għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni stabbilita skont l-Artikolu 101 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

	EUR	L-ispejjeż totali tal-proġett (A)	Kostijiet ineliġibbli (B)	Spejjeż eliġibbli (C) = (A) - (B)	Perċentwal tal-ispejjeż eliġibbli totali
		Input	Input	Ikkalkulati	Ikkalkulati
1	Il-ħlasijiet tal-ippjanar/iddi-sinjar	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='G'>	<tip='N' input='G'>

<sup>(1)</sup> Ipprovi d-dejta ġeoreferenzjata fil-format vector, bl-użu kif xieraq ta' poligoni, linji u/jew punti sabiex tirrappreżenta l-proġett preferibbilment fil-format ta' *shape file*.

	EUR	L-ispejjeż totali tal-proġett (A)	Kostijiet ineliġibbli (B)	Spejjeż eliġibbli (C) = (A) - (B)	Perċentwal tal-ispejjeż eliġibbli totali
		Input	Input	Ikkalkulati	Ikkalkulati
2	Ix-xiri tal-art	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='G'>	<tip='N' input='G'>
3	Il-bini u l-konstruzzjoni	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='G'>	<tip='N' input='G'>
4	Impjant u makkinarju jew apparat	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='G'>	<tip='N' input='G'>
5	Kontinġenzi	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='G'>	<tip='N' input='G'>
6	L-aġġustament fil-prezzijiet (jekk japplika)	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='G'>	<tip='N' input='G'>
7	Pubbliċità	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='G'>	<tip='N' input='G'>
8	Is-superviżjoni waqt l-implimentazzjoni tal-konstruzzjoni	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='G'>	<tip='N' input='G'>
9	Assistenza teknika	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='G'>	<tip='N' input='G'>
10	<b>Subtotal</b>	<tip='N' input='G'>	<tip='N' input='G'>	<tip='N' input='G'>	<tip='N' input='G'>
11	(VAT)	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='M'>
12	<b>TOTAL</b>	<tip='N' input='G'>	<tip='N' input='G'>	<tip='N' input='G'>	<tip='N' input='G'>

Agħti r-rata tal-kambju u r-referenza (fejn japplika).

<tip='S' tul massimu='875' input='M'>

Agħti spjegazzjoni dwar kwalunkwe wieħed mill-elementi ta' hawn fuq, fejn ikun rilevanti.

<tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

## C.2. Konformità mar-regoli dwar għajnuna mill-Istat

F'każ li l-proġett jinvolvi l-għoti ta' għajnuna mill-Istat, imla t-tabella ta' hawn taħt <sup>(1)</sup>.

	Ammont ta' għajnuna (EUR) f'GGE <sup>(1)</sup>	Ammont totali tan-nefqa eliġibbli (EUR) <sup>(2)</sup>	L-intensità tal-għajnuna (f%)	In-numru tal-għajnuna mill-Istat/ numru tar-reġistru għall-għajnuna li tibbenefika minn eżenzjoni ta' kategorija
Skema tal-għajnuna approvata jew għajnuna approvata <i>ad hoc</i>	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='M'>	<tip='P' input='M'>	<tip='N' input='M'>

<sup>(1)</sup> Din l-applikazzjoni ma tissostitwixx in-notifika lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Deċiżjoni pożittiva mill-Kummissjoni dwar il-proġett maġġuri skont ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 ma tikkostitwixx approvazzjoni ta' għajnuna mill-istat.

	Ammont ta' għajnuna (EUR) f'GGE <sup>(1)</sup>	Ammont totali tan-nefqa eliġibbli (EUR) <sup>(2)</sup>	L-intensità tal-għajnuna (f%)	In-numru tal-għajnuna mill-Istat/ numru tar-reġistru għall-għajnuna li tibbenefika minn eżenzjoni ta' kategorija
Għajnuna li skont ir-regolament ta' eżenzjoni tal-kategorija	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='M'>	<tip='P' input='M'>	<tip='N' input='M'>
Għajnuna konformi mad-deċiżjoni dwar SIEĠ <sup>(3)</sup> jew ir-regolament dwar it-traffiku tal-passiġġieri fuq art pubblika <sup>(4)</sup>	<tip='N' input='M'>	<tip='N' input='M'>	<tip='P' input='M'>	Mhux applikabbli
Għajnuna totali mogħtija	<tip='N' input='G'>	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

<sup>(1)</sup> Ekwivalenti ta' għotja gross (gross grant equivalent — GGE) tfisser il-valur skontat tal-għajnuna espress bħala perċentwali tal-valur skontat tal-kosti eliġibbli, kif ikkalkulat fil-mument tal-għoti tal-għajnuna fuq il-bażi tar-rata ta' referenza applikabbli f'dik id-data.

<sup>(2)</sup> Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jinkludu dispożizzjonijiet dwar in-nefqa eliġibbli. F'din il-kolonna l-Istati Membri għandhom jindikaw l-ammont totali ta' nefqa eliġibbli abbażi tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat li ġew applikati.

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1).

### C.3. Kalkolu tan-nefqa totali eliġibbli

Agħżel l-għażla rilevanti u imla l-informazzjoni fuq il-bażi tal-format għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni stabbilita skont l-Artikolu 101 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

Metodu ta' kalkolu tad-dħul potenzjali nett	Poġġi x f'kaxxa waħda biss
Kalkolu tad-dħul nett skontat	<tip='C' input='M'>
Metodu b'rata fissa	<tip='C' input='M'>
Metodu ta' tnaqqis fir-rata ta' kofinanzjament	<tip='C' input='M'>

### Kalkolu tad-dħul nett skontat (l-Artikolu 61(3)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013)

	Valur
1. L-ispiża eliġibbli totali qabel jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (f'EUR, mhux skontata)	<tip='N' input='M'>
2. Applikazzjoni <i>pro rata</i> tad-dħul nett attwalizzat (%) (jekk ikun applikabbli)	<tip='N' input='M'>
3. In-nefqa totali eliġibbli wara li jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (f'EUR, mhux skontata) = (1)*(2) <i>Il-kontribuzzjoni pubblika massima għandha tirrispetta r-regoli tal-għajnuna mill-Istat u l-ammont ta' għajnuna totali mogħtija rrapportat hawn fuq (jekk applikabbli)</i>	<tip='N' input='M'>



(€EUR)	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022	2023	In-nefqa totali eliġibbli
Assi ta' priorità ta' PO2											
Assi ta' priorità ta' PO2											

### D.3. Indikaturi ta' produzzjoni <sup>(1)</sup> u indikaturi fiżiċi oħrajn għall-monitoraġġ tal-progress

Niżżel fit-tabella pprovduta l-indikaturi ta' produzzjoni, inklużi l-indikaturi komuni kif speċifikat fil-programm(i) operattiv(i) u indikaturi fiżiċi oħrajn għall-monitoraġġ tal-progress. Il-volum ta' informazzjoni se jiddependi fuq il-kumplessità tal-proġetti, iżda l-indikaturi ewlenin biss għandhom jiġu ppreżentati.

PO u assi ta' priorità	Isem tal-indikatur	Unità tal-kejl	Valur fil-mira għall-proġett kbir	Sena fil-mira
<tip='S' input='S'>	Komuni: <tip='S' input='S'> Oħrajn: <tip='S' input='M'>	Komuni: <tip='S' input='S'> Oħrajn: <tip='S' input='M'>	<tip='S' input='M'>	<tip='N' input='M'>

### D.4. Valutazzjonijiet tar-riskji

Ippreżenta sommarju qasir tar-riskji ewlenin għall-implimentazzjoni fiżika u finanzjarja b'suċċess tal-proġett u l-miżuri proposti għat-tnaqis tar-riskju.

<tip='S' tul massimu='3500' input='M'>

E. IL-PROĠETT HUWA SOĠĠETT GĦAL PROCĊEDURA LEGALI DWAR NONKONFORMITÀ MAL-LIĠI TAL-UNJONI? <tip='C' input='M'>

Iva

Le

Jekk iva, agħti d-dettalji u ġġustifika l-kontribuzzjoni proposta mill-baġit tal-Unjoni għall-proġett f'dan ir-rigward:

<tip='S' tul massimu='3500' input='M'>

F. L-IMPRIŻA KIENET XI DARBA, JEW HIJA BĦALIŠSA, SUĠĠETT TA' PROCĊEDURA <sup>(2)</sup> SABIEX TIRKUPRA L-APPOĠĠ TAL-UNJONI WARA R-RILOKAZZJONI TA' ATTIVITÀ PRODUTTIVA 'L BARRA MIŻ-ŻONA TAL-PROGRAMM JEW 'IL BARRA MILL-UNJONI? <tip='C' input='M'>

Iva

Le

<sup>(1)</sup> Kif mitlub fl-Artikolu 102(1)(a)(iv) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

<sup>(2)</sup> Skont l-Artikolu 71(1)(a) jew (2) tar-Regolament (EU) Nru 1303/2013.



Jekk iva, aghi d-dettalji u ġġustifika l-kontribuzzjoni proposta mill-baġit tal-Unjoni għall-proġett f'dan ir-rigward:

<tip='S' tul massimu='3500' input='M'>

Barra minn hekk, għal investimenti produttivi aghi dettalji tal-impatt mistenni tal-proġett fuq l-impjegi f'reġjuni oħrajn tal-Unjoni, u definixxi jekk il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fondi tirriżultax f'telf sostanzjali ta' impjegi f'postijiet eżistenti fl-Unjoni.

<tip='S' tul massimu='3500' input='M'>

PARTI B:

**Rapport dwar ir-reviżjoni tal-kwalità indipendenti**

L-esperti indipendenti jiddikjaraw li:

1. Huma ssodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 23(2)(b) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014.
2. Huma vvalutaw il-proġett b'konformità mal-kriterji kollha stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Stat Membru	
Ir-reġjun u l-post tal-proġett	
Isem il-proġett	
Benefiċjarju	
Awtorità ta' ġestjoni	
Referenza tal-esperti indipendenti	
(ISEM u KARIGA) <b>Esperti indipendenti</b>	Firma:
DATA	

Ikkonferma li l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu ssodisfati: l-operazzjoni huwa proġett maġġuri fis-sens tal-Artikolu 100 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013; il-proġett maġġuri mhuwiex operazzjoni kompluta skont it-tifsira tal-Artikoli 2(14) u 65(6) ta' dak ir-Regolament; il-proġett kbir huwa inkluż fil-programm(i) operattiv(i) rilevanti.

	Poġġi x fejn xieraq	Aghi d-dettalji
Iva	<tip='C' input='M'>	<tip='S' tul massimu='1750' input='M'>
Le	<tip='C' input='M'>	<tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

1. IL-KORP RESPONSABBLI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROĠETT MAĠĠURI, U L-KAPAĊITÀ TIEGĦU

Igħor fil-qosor l-informazzjoni rilevanti dwar il-korp responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proġett kbir, u l-kapaċità tiegħu inkluża l-kapaċità teknika, legali, finanzjarja u amministrattiva.

<tip='S' tul massimu='3000' input='M'>

Agħti dikjarazzjoni ċara jekk il-proġett jissodisfax il-kriterji rilevanti għar-rieżami ta' kwalità stabbiliti fl-Anness II għar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 480/2014 u ġġustifika din id-dikjarazzjoni.

	Poġġi x fejn xieraq	Agħti dikjarazzjoni u ġustifikazzjoni
Iva	<tip='C' input='M'>	<tip='S' tul massimu='1750' input='M'>
Le	<tip='C' input='M'>	<tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

## 2. DESKRIZZJONI TAL-INVESTIMENT U L-POST FEJN JINSAB

Igħor fil-qosor informazzjoni rilevanti dwar id-deskrizzjoni tal-investment u l-post fejn jinsab.

<tip='S' tul massimu='3000' input='M'>

Agħti dikjarazzjoni ċara jekk il-proġett jissodisfax il-kriterji rilevanti għar-rieżami ta' kwalità stabbiliti fl-Anness II għar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 480/2014 u ġġustifika din id-dikjarazzjoni.

	Poġġi x fejn xieraq	Agħti dikjarazzjoni u ġustifikazzjoni
Iva	<tip='C' input='M'>	<tip='S' tul massimu='1750' input='M'>
Le	<tip='C' input='M'>	<tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

## 3. SPIEGAZZJONI DWAR KIF INHU KONSISTENTI MAL-ASSI PRIJORITARJI RILEVANTI TAL-PROGRAMM(I) OPERATTIV(I) KKONĊERNATI, U L-KONTRIBUT MISTENNI TIEGĦU GĦALL-KISBA TAL-OBJETTIVI SPEĊIFIĊI TA' DAWN L-ASSI PRIJORITARJI U L-KONTRIBUT MISTENNI B'RISQ L-IŻVILUPP SOĊJOEKONOMIKU

Igħor fil-qosor l-informazzjoni rilevanti dwar l-oġġettivi tal-proġett u l-konsistenza tiegħu mal-assi prijoritarji rilevanti tal-programm operattiv jew tal-programmi operattivi kkonċernati, u l-kontribut mistenni tiegħu għall-kisba tal-għanijiet speċifiċi u r-riżultati ta' dawn l-assi prijoritarji u l-kontribut mistenni b'risq l-iżvilupp soċjoekonomiku taż-żona koperta mill-programm operattiv, miżuri meħudin mill-benefiċjarju sabiex ikun żgurat l-aħjar użu tal-infrastruttura waqt il-fażi tal-operazzjoni.

<tip='S' tul massimu='3000' input='M'>

Agħti dikjarazzjoni ċara jekk il-proġett jissodisfax il-kriterji rilevanti għar-rieżami ta' kwalità stabbiliti fl-Anness II għar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 480/2014 u ġġustifika din id-dikjarazzjoni.

	Poġġi x fejn xieraq	Agħti dikjarazzjoni u ġustifikazzjoni
Iva	<tip='C' input='M'>	<tip='S' tul massimu='1750' input='M'>
Le	<tip='C' input='M'>	<tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

## 4. L-ISPIŻA TOTALI U L-ISPIŻA TOTALI ELIĠIBBLI

### 4.1. Igħor fil-qosor informazzjoni rilevanti dwar l-ispiża totali, il-kalkolu tal-ispejjeż kemm f'termini tal-ispiża totali tiegħu sabiex jinkisbu l-oġġettivi mistennija u l-ispejjeż għal kull unità, kif ukoll tal-ispiża totali eliġibbli waqt li jit-tieħdu inkonsiderazzjoni r-rekwiżiti tal-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

<tip='S' tul massimu='3000' input='M'>

Agħti dikjarazzjoni ċara jekk il-proġett jissodisfax il-kriterji rilevanti għar-rieżami ta' kwalità stabbiliti fl-Anness II għar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 480/2014 u ġġustifika din id-dikjarazzjoni.

	Poġġi x fejn xieraq	Agħti dikjarazzjoni u għustifikazzjoni
Iva	<tip='C' input='M'>	<tip='S' tul massimu='1750' input='M'>
Le	<tip='C' input='M'>	<tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

4.2. Agħti informazzjoni dwar il-konformità mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat u dwar kif ir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat ittiedu inkonsiderazzjoni fil-kalkolu tal-kontribuzzjoni pubblika totali għall-proġett.

4.2.1 Agħti informazzjoni dwar jekk l-esperti indipendenti, b'konformità mal-Artikolu 23(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 jew l-Istat Membru, ikkonsultawx il-Kummissjoni dwar kwistjonijiet rilevanti ta' ghajjnuna mill-Istat.

Jekk il-Kummissjoni għet ikkonsultata, agħti d-data u r-referenza tal-konsultazzjoni u d-data u r-referenza tat-tweġiba u iġbor fil-qosor ir-riżultat tal-konsultazzjoni.

<tip='S' tul massimu='3000' input='M'>

4.2.2 Jekk il-Kummissjoni ma għetx ikkonsultata, ipprovidi l-informazzjoni li ġejja:

**Tqis li dan il-proġett jinvolvi l-għoti ta' ghajjnuna mill-Istat? <tip='C' input='M'>**

Iva

Le

